MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tad-29 ta' April, 2004

Talba Numru. 425/2004

**Spot On Gypsum Limited**

**Vs**

**Meat 'n Spice Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm601.74c (sitt mija u lira Maltin u erbgha u sebghin centezmu) rapprezentanti xoghlijiet ta' *gypsum* u *light fittings* ezegwiti mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta'konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-atti tal-kawza u sema' lil Dr Carlo Vigna li kkonferma li l-ammont ghadu dovut;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ Lm601.74c (sitt mija u lira Maltin u erbgha u sebghin centezmu), bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------